IR-RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

| | | |
|---|---|---|
| * | **MINUTI tal-Laqgħa A 35**<br>**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**<br>**It-Tnejn 16 ta' Settembru 2013 fis-6.30 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin | |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin | 6.50 pm |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru | |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru | |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | 6.45 pm |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 32**

1.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 32 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Lino Pace Bonello. Il-minuti ġew approvati. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A32

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 32**

2.01 Ma kien hemm l-ebda punt imqajjem. — Punti Mqajma mill-minuti A32

** Is-Sur Christopher Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.45 pm

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 33**

3.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 33 tal- — Konsiderazzjni u Approvazzjoni tal-



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sna Stephania Gatt. Il-minuti ġew approvati. Minuti A33

** Il-Profs. Griscti Soler daħal għal-laqgħa fis-6.50 pm

**4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A33**

4.01 Ma kien hemm l-ebda punt imqajjem. Punti mqajma mill-minuti A33

**5.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 34**

5.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello ppropониet li l-minuti tas-seduta numru A 34 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A34

5.02 Is-Sna Stephania Gatt ġibdet l-attenzjoni li hija kienet tinsab skużata u għaldaqstant trid issir emenda fil-minuti peress li qed tidher li kienet preżenti. Il-minuti ġew approvati hekk kif emendati. Emenda fil-minuti A34

5.03 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li ma' punt numru 2.09 jiżdied dan il-paragrafu: Emenda fil-minuti A34, punt nru 2.09

"Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li l-karozza tal-linja numru 53 ma tibqax tgħaddi minn Tal-Virtù u minflok tibqa' titla' sal-*interchange* tar-Rabat. Mill-*interchange* ikun hemm servizz ta' *mini bus* li jinkludi lil tal-Virtù fir-rotta tiegħu u postijiet oħra sabiex ikunu jistgħu jitniżżlu u jittellgħu l-passiġġieri u jerġgħu joħduhom l-*interchange*. Hekk il-passiġġieri jkunu milħuqa aħjar u sabiex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku. Jeħtieġ ukoll li jiġu kkunsidrati l-proposti li saru dwar il-*bus shelters* fiż-żona ta' tal-Virtù. Issekonda din il-proposta l-Profs. Griscti Soler."

Il-kumitat qabel unanimament.

* Is-Sna Stephania Gatt ħarġet mil-laqgħa fis-7.15 pm

5.04 2.04 Is-Sur Christopher Farrugia u s-Sur Lino Pace Bonello għandhom isibu ġurnata sabiex jiltaqgħu mal-avukat tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana

| | | |
|---|---|---|
| 5.05 | 2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta mingħand il-Perit tad-Dipartiment tal-Artijiet. Ġie deċiż li nibagħtulu *reminder*. | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 5.06 | 2.07 Il-Profs. Griscti Soler irrimarka li x-xogħol ta' tiswija li saret fuq il-bankina fi Triq Carlo Fiamingo ma sarx sew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ser tibgħat lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex isewwi din il-bankina. | Manutenzjoni fuq bankina fi Triq C Fiamingo k/m Triq G Ganado |
| 5.07 | 2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ma kellniex risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-istemma. | Stemma tal-Kumitat Amministrattiv |
| **6.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti A 34** | |
| 6.01 | 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta mingħand Transport Malta. Ġie deċiż li tintbagħtilhom *reminder*. | *Traffic Calmers* |
| 6.02 | 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta mingħand Transport Malta. Ġie deċiż li tintbagħtilhom *reminder*. | *Bus Shelters* |
| **7.00** | **Kommunikazzjoni mill-membri** | |
| 7.01 | Is-Sur Christopher Farrugia ġibed l-attenzjoni li n-nies li jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ tal-Madonna tal-Grazzja qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ftehim mal-organizzaturi kien li huma jipprovdu boroż tal-iskart u dawn jinġabru mill-kollettur tal-iskart l-għada filgħodu. | Pellegrinaġġ tal-Madonna tal-Grazzja |
| 7.02 | Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li hemm numru ta' arbli tad-dawl ġewwa tal-Virtù li jinsabu msadda. Għaldaqstant huwa talab li niktbu lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jagħmlu *survey* tal-arbli taż-żona u dawk li huma msadda jiġu mibdula. | Arbli tad-dawl imsadda |
| 7.03 | Is-Sur Christopher Farrugia talab li l-kumplament tal-bankina ta' Triq Francesco Azopardi u cioè l-parti li tagħmel mal-Kunsill Lokali tar-Rabat, issir bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali. | Bankina fi Triq Francesco Azopardi |

**8.00 Affarijiet Oħra**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri sabiex sal-laqgħa li jmiss iġibu l-proponimenti tagħhom għax-xogħlijiet li jixtiequ li jsiru fis-sena li ġejja sabiex jiddaħħlu fil-*budget* li jmiss.

Proposti għall-*budget*

8.01.1 Is-Sna Cecilia Bonello pproponiet li fil-*budget* li jmiss isiru l-kumplament tal-bankini li għadhom mhumiex lesti.

8.01.2 Is-Sur Lino Pace Bonello ssuġġerixxa li jsiru l-bankini biss fejn m'hemmx arbli tad-dawl u dan minħabba proġetti futuri ta' tneħħija ta' arbli tad-dawl.
Il-Kumitat qabel unanimament.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ġiet infurmata mill-Foreman tad-distrett tal-Korporazzjoni Enemalta li ser jitneħħa l-arblu tad-dawl minn mal-ħajt tas-St Joseph. Huwa nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li fl-istess intervent, jistgħu jitneħħew ukoll it-tliet arbli tad-dawl li jinsabu fuq il-bankina mal-ħajt ta' Villa Messina. Huwa għandu jibagħtilna l-pjanta fil-jiem li ġejjin.

Tneħħija ta' arbli tad-dawl minn Triq il-Buskett

**9.00 Data tas-seduta li jmiss**

9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2013 fis-6.30 pm

Data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**